ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika għall-attenzjoni tal-persuni fiżiċi CHON Chi Bu (psewdonimu CHON Chi-bu), CHU Kyu-Chang, (psewdonimu JU Kyu-Chang; JU Kyu Chang), HYON Chol-hae (psewdonimu HYON Chol Hae), KIM Yong-chun (psewdonimu Young-chun; KIM Yong Chun), O Kuk-Ryol (psewdonimu O Kuk Ryol), PAEK Se-bong (psewdonimu PAEK Se Bong), PAK Jae-gyong (psewdonimu Chae-Kyong; PAK Jae Gyong), RYOM Yong, SO Sang-kuk (psewdonimu SO Sang Kuk), Logutenent Ġeneral KIM Yong Chol (psewdonimu: KIM Yong-Chol; KIM Young-Chol; KIM Young-Cheol; KIM Young-Chul), PAK To-Chun (psewdonimu PAK To Chun), CHOE Kyong-song (psewdonimu CHOE Kyong song), CHOE Yong-ho (psewdonimu CHOE Yong Ho), HONG Sung-Mu (psewdonimu HUNG Sun Mu; HONG Sung Mu), JO Kyongchol (psewdonimu JO Kyong Chol), KIM Chun-sam (psewdonimu KIM Chun Sam), KIM Chun-sop (psewdonimu KIM Chun Sop), KIM Jong-gak (psewdonimu KIM Jong Gak), KIM Rak Kyom, (psewdonimu KIM Rak-gyom; KIM Rak Gyom), KIM Won-hong (psewdonimu KIM Won Hong), PAK Jong-chon (psewdonimu PAK Jong Chon), RI Jong-su (psewdonimu RI Jong Su), SON Chol-ju (alais Son Chol Ju), YUN Jong-rin (psewdonimu YUN Jong Rin), PAK Yong-sik (psewdonimu PAK Yong Sik), HONG Yong Chil, RI Hak Chol (psewdonimi RI Hak Chul, RI Hak Cheol), YUN Chang Hyok, RI Myong Su, SO Hong Chan, WANG Chang Uk, JANG Chol, JON Il-chun (psewdonimu JON Il Chun), KIM Tong-un (psewdonimu KIM Tong Un), KIM Il-Su (psewdonimu Kim Il Su), KANG Song-Sam (psewdonimu KANG Song Sam), CHOE Chun-Sik (psewdonimu CHOE Chun Sik), SIN Kyu-Nam (psewdonimu SIN Kyu Nam), PAK Chun-San (psewdonimu PAK Chun San) u SO Tong Myong u l-entitajiet Korea Pugang mining and Machinery Corporation ltd, Korean Ryengwang Trading Corporation, Sobaeku United Corp. (psewdonimu Sobaeksu United Corp.), Yongbyon Nuclear Research Centre, Strategic Rocket Forces u Korea National Insurance Corporation (KNIC) u l-fergħat tagħha (magħrufa wkoll bħala Korea Foreign Insurance Company) li l-entrata tiegħu ġiet emendata fil-lista msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra persuni jew entitajiet responsabbli għall-armi nukleari, relatati mal-missili ballistiċi jew armi oħra ta' programmi tal-qerda massiva tar-RDPK, jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzzjoni tagħhom, u entitajiet li huma sjieda tagħhom jew ikkontrollati minnhom, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/993**

(2017/C 187/21)

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 ([1]) titlob lill-Unjoni sabiex jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' persuni u entitajiet, kif imsemmija fil-lista stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849. Id-Deċiżjoni titlob ukoll lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ma jħallux id-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta' dawk l-istess persuni.

Il-lista stabbilita mill-Kunsill tal-UE tinkludi persuni jew entitajiet responsabbli għall-programmi relatati mal-armi nukleari, relatati mal-missili ballistiċi jew ma' programmi oħra tal-armi tal-qerda massiva tar-RDPK, jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, u l-entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom, kif ukoll persuni jew entitajiet li jipprovdu servizzi finanzjarji jew it-trasferiment lejn, permezz jew minn territorju tal-Unjoni, jew li jinvolvu ċittadini tal-Istati Membri jew entitajiet organizzati taħt il-liġijiet tagħhom, jew persuni jew istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorju tal-Unjoni, ta' kull riżorsi finanzjarji jew ta' assi oħra li jikkontribwixxu għal programmi relatati man-nuklear, relatati mal-armi tal-qerda massiva oħrajn jew relatati mal-missili ballistiċi tar-RDPK, jew persuni, entitajiet jew korpi tagħhom jew ikkontrollati minnhom.

2. Fit-12 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill iddeċieda li jneħħi persuna u entità waħda mil-lista u li jemenda l-lista tal-persuni fiżiċi CHON Chi Bu (psewdonimu CHON Chi-Bu), CHU Kyu-Chang, (psewdonimu JU Kyu-Chang; JU Kyu Chang), HYON Chol-hae (psewdonimu HYON Chol Hae), KIM Yong-chun (psewdonimu Young-chun; KIM Yong Chun), O Kuk-Ryol (psewdonimu O Kuk Ryol), PAEK Se-bong (psewdonimu PAEK Se Bong), PAK Jae-gyong (psewdonimu Chae-Kyong; PAK Jae Gyong), RYOM Yong, SO Sang-kuk (psewdonimu SO Sang Kuk), Logutenent Ġeneral KIM Yong Chol (psewdonimu: KIM Yong-Chol; KIM Young-Chol; KIM Young-Cheol; KIM Young-Chul), PAK To-Chun (psewdonimu PAK To Chun), CHOE Kyong-song (psewdonimu CHOE Kyong song), CHOE Yong-ho (psewdonimu CHOE Yong Ho), HONG Sung-Mu (psewdonimu HUNG Sun Mu; HONG Sung Mu), JO Kyongchol (psewdonimu JO Kyong Chol), KIM Chun-sam (psewdonimu KIM Chun Sam), KIM Chun-sop (psewdonimu KIM Chun Sop), KIM Jong-gak (psewdonimu KIM Jong Gak), KIM Rak Kyom, (psewdonimu KIM Rak-gyom; KIM Rak Gyom), KIM Won-hong (psewdonimu KIM Won Hong), PAK Jong-chon

([1]) ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.

(psewdonimu PAK Jong Chon), RI Jong-su (psewdonimu RI Jong Su), SON Chol-ju (alais Son Chol Ju), YUN Jong-rin (psewdonimu YUN Jong Rin), PAK Yong-sik (psewdonimu PAK Yong Sik), HONG Yong Chil, RI Hak Chol (psewdonimi RI Hak Chul, RI Hak Cheol), YUN Chang Hyok, RI Myong Su, SO Hong Chan, WANG Chang Uk, JANG Chol, JON Il-chun (psewdonimu JON Il Chun), KIM Tong-un (psewdonimu KIM Tong Un), KIM Il-Su (psewdonimu Kim Il Su), KANG Song-Sam (psewdonimu KANG Song Sam), CHOE Chun-Sik (psewdonimu CHOE Chun Sik), SIN Kyu-Nam (psewdonimu SIN Kyu Nam), PAK Chun-San (psewdonimu PAK Chun San) u SO Tong Myong u l-entitajiet Korea Pugang mining and Machinery Corporation ltd, Korean Ryengwang Trading Corporation, Sobaeku United Corp. (psewdonimu Sobaeksu United Corp.), Yongbyon Nuclear Research Centre, Strategic Rocket Forces u Korea National Insurance Corporation (KNIC) u l-ferghat taghha (maghrufa wkoll bhala Korea Foreign Insurance Company).

3. Sabiex jiġu implimentati l-listi l-ġodda, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/993 ([1]) li jemenda l-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 ([2]) skont dan.

L-individwi u l-entitajiet kkonċernati jistgħu jippreżentaw l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni li jiġu elenkati, flimkien ma' dokumentazzjoni ġustifikattiva, lill-Kummissjoni Ewropea f'dan l-indirizz:

European Commission
"Restrictive measures"
Rue de la Loi/Wetstraat 200
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

4. Qiegħda tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-individwi kkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/993 quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-raba' u fis-sitt paragrafi tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

5. Finalment, qiegħda tinġibed l-attenzjoni tal-individwi u l-entitajiet elenkati għall-possibbiltà li jippreżentaw applikazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat(i) Membru/i rilevanti, kif elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 329/2007, sabiex jiksbu awtorizzazzjoni biex jużaw il-fondi ffriżati u r-riżorsi ekonomiċi għal bżonnijiet essenzjali jew pagamenti speċifiċi skont l-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 149, 13.6.2017, p. 67.
([2]) ĠU L 88, 29.3.2007, P. 1.